**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 27 – IT-TLIETA, 10 TA' ĠUNJU 2014 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 26**

1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. Fil-paragrafu 5.2 għandha tinbidel il-kelma "Kwalitajiet" bil-kelma "Kriterji". Fil-paragrafu 5.2 għandha tidħol fl-aħħar il-frażi "Ġie deċiż li qabel ma tiġi approvata l-proposta għandha ssir site visit mill-Kunsillier responsabbli.

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti b'dawn il-korrezzjonijiet. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 25**

2.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Korrispondenza**

3.1 Ġiet diskussa t-talba biex tiġi rranġata l-bankina fi Triq il-Qasab. Ġie deċiż li din għandha ssir bi spejjeż għar-resident taħt superviżjoni tal-Perit tal-Kunsill.

3.2 Ġiet innutata l-approvazzjoni għall-fondi (500 Ewro) għal xiri ta' kotba għal-librerija lokali skont Memo 04/14.

3.3 Ġiet innutata r-risposta minn Transport Malta fejn qed jikkunsidraw it-talba tal-Kunsill biex isiru xi toroq bit-tarmac.

3.4 Kien hemm diskussjoni rigward it-talba minn RS Design biex il-Kunsill jikkonsidra d-deċiżjoni li ħa rigward t-talba tiegħu biex jiġi sanzjonat t-taraġ fuq il-bankina fi Triq il-Mensija kantuniera ma' Triq Ġjaċinti, u t-twessiegħ tal-istess bankina. Is-Sinjura Joan Farrugia ġabet għall-attenzjoni li d-deċiżjoni tal-Kunsill ma tistax tiġi mibdula qabel 6 xhur. Ġie deċiż li tintalab kjarifika mid-Dipartiment.

3.5 Ġie deċiż li tinbagħat No Objection biex isiru l-logħob tan-nar tal-art (ġigġifogu) mill-Għaqda Piroteknika.

3.6 Ġiet innutata korrespondenza minn resident minn Triq il-Ħida.

3.7 Inqrat ittra minn għalliem, biex jagħmlu użu minn kamra biex jagħti lezzjonijiet tal-kimika. Sforunatament, din it-talba ma setgħetx tiġi aċċettata minħabba nuqqas ta' spazju.

3.8 Għandha tinġabar stima biex tiġi rranġata bankina fi Triq il-Fuxa kantuniera ma' Triq in-Naxxar biex tkun tista' tgħaddi minnha l-vara tal-festa.

## 4 Aġġudikazzjoni ta' Tender SGLC/T/01/14 Bulky Refuse

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward l-offerti ta' din it-tender. Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis ippropona l-offerta ta' Twish Co Ltd minħabba li hija l-irħas offerta u fl-istess waqt għandu ħafna esperjenza. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 5 Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjoni SGLC/Q/01/14 Ġarr tal-ilma

5.1 Kien hemm diskussjoni rigward l-offerti ta' din il-kwotazzjoni. Is-Sindku ippropona l-offerta ta' Waste Management Ltd minħabba li hija l-irħas offerta. Kien hemm qbil unanimu.

## 6 Affarjiet oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar talab biex issir mera fi Sqaq Qasbi. Ġie deċiż li ssir site visit. Talab ukoll li jinbidel il-ħin tal-un/loading għal 8.00am – 17.00pm li jinsab fi Triq is-Santwarju. Ġie deċiż li ssir talba lil TM. Talab ukoll biex titwessa parti tal-bankina fl-istess triq minħabba siġra protetta li qed tikber mill-bankina. Ġie deċiż li ssir talba lil TM. Talab ukoll biex isir poġġaman fit-taraġ li jinsab fi Triq il-Ġewza. Kien hemm qbil. Talab biex isiru il-markings fi Triq Torri Lanzon. Din ma ġietx aċċettata. Għandha tintbagħat ittra lil TM biex jissuġġerixxu traffic management aħjar għal Triq il-Ġjaċinti u l-madwar. Għandha tinġabar stima biex titnaddaf ż-żona fi Triq il-Kampanella. Ġie deċiż li ma jsirux il-marking tal-parkeġġ fi Triq Ugo Carbonaro. Għandhom jinxtraw 5 flixken RoundUp għal użu fil-masġar.

6.2 Is-Sur Trevor Fenech ilmenta fuq ħanut tal-ħaxix li jkollu l-kaxex barra fit-triq kif ukoll l-van ipparkjat fil-kantuniera.

6.3 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex issir bozza fi Triq tal-Balal minħabba li hemm ħafna dlam. Is-Sindku ilmenta li hemm bżonn ħafna aktar minn bozza waħda f'din it-triq. Ġie deċiż li ma jsirux bozoz f'din it-triq minħabba li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Gvern Ċentrali u l-Kunsill m'għandux baġit allokat għal dan. Ghandha tinkiteb ittra li TM jew Enemalta rigward din is-sitwazzjoni.

Is-Sur Mikhail Micallef skuża ruħu mil-laqgħa fis-7.25pm

6.4 Is-Sinjura Marica Bayliss iddikjarat li ma jistax ikun li jċemplu mill-Ministeri u jobbligaw membri tal-Kunsill jagħmlu affarjiet. Kull talba għandha tkun bil-miktub.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqga fis-7.34pm

6.5 Is-Sur Neville Mallia ilmenta li kien hemm container ipparkjat fi Triq l-Assemblea Nazzjonali. Għandha ssir site visit fuq dan.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 1 ta' Lulju 2014 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**